MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MAGRI ALBERT J.

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 778/1999/1

Carmel sive Charles Zammit

Vs

Maltacom p.l.c.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fis-6 ta' April 1999 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi b'sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-15 ta' Lulju 1997 fl-ismijiet "Michael Calleja et vs Telemalta Corporation" kien hemm gie deciz li ghandu jerga jitwaqqaf Bord ta' l-Appelli sabiex jisma l-appell dwar il-promozzjonijiet li inghataw fin-1993 fil-Gradi ta' Chief Techincal Officer (CTO), Higher Technical Officer (HTO) u Senior Technical Officer (STO); illi dan il-Bord ta' l-Appelli, kif miktub f'artikolu 3.1 tal-Ftehim Kollettiv li jirregola l-kwalifikazzjonijiet tal-impieg ta' l-attur rega gie kostitwit in adempjenza mas-sentenza sudetta; illi allura l-attur ghamel l-appell tieghu quddiem dan il-Bord tal-Appelli fejn fost ohrajn talab li jigu riveduti l-marki tieghu

safejn jirrigwarda l-kwalifiki tieghu, liema kwalifiki gew debitament elenkati fl-appell sudett u anke konfortati bid-dokumenti relattivi; illi meta l-attur deher quddiem l-imsemmi Bord ta' l-Appelli, tant biex jidher car li huwa kellu kaz li kienet twettqet ingustizzja mieghu, illi di fatti l-istess Bord ezentah milli jressaq ix-xhieda tieghu jew dokumenti ghax tant kien evidenti u fondat il-kaz tieghu li lanqas kien hemm htiega ta' produzzjoni ta' xhieda u dokumenti; ukoll kien jidher car li l-attur kellu jottjeni aktar marki sa fejn si tratta dak li jissejjah "*proficiency*"; illi b'ittra tat-22 ta' Mejju 1998, ic-Chairman tas-socjeta' konvenuta informa lill-attur li kellu l-pjacir jinfurmah li b'effett mill-5 ta' Gunju 1987 hu kien gie mahtur bhala HTO (Skala 6) meta invece skond il-kwalifiki li kellu u jipposjedi l-attur, hu kellu jinhatar bhala CTO; r-rizultati ta' din id-decizjoni tal-Bord tal-Appelli kif ippubblikat f'April tan-1998 ma osservatx il-formalitajiet u d-dispositvi tal-Ftehim Kollettiv fuq imsemmi peress li dan jispecifika "Rapport dettaljat tad-decizjoni mehuda ghandu jintbaghat mic-Chairman tal-Bord ta' l-Appelli (Promozzjonijiet) fl-istess hin ic-Chairman tal-Korporazzjoni u lill-appellant mhux aktar tard minn tliet xhur mill-pubblikazzjoni tar-rizultat tal-Bord tal-Ghazla; illi l-attur baqa' qatt ma irceva dan ir-rapport skond kif jiddisponi l-istess Ftehim Kollettiv; illi l-Bord ta' l-Appelli u s-socjeta konvenuta naqsu li josservaw il-formalitajiet tal-ftehim f'aspetti ohra, u dan kif ser jigi pruvat fil-kors tal-kawza; illi minn dan jidher li (i) fl-indagini li ghamel il-Bord ta' l-Appelli sudett, sar apprezzament hazin tal-fatti, liema apprezzament hazin ippregudika lill-attur ghax altrimenti kien jinghata aktar marki biex b'hekk juzufruwixxi mill-promozzjonijiet ta' CTO u mhux minn dik ta' HTO; u (ii) illi meta gie ppubblikat dan ir-rizultat dan ma sarx skond u kif jiddisponi l-Ftehim Kollettiv u dan kif ser jigi pruvat fil-kors tal-kawza; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara li l-Bord ta' l-Appelli sudett ma ghamilx apprezzament tal-fatti tajjeb meta ddecida dwar il-hatra fuq imsemmija ta' l-attur u li kwindi kellu jigi mahtur ghal kariga ta' CTO invece minn dik ta' HTO;
2. tordna lis-socjeta' konvenuta sabiex minn data li tigi stabbilita minn din il-Qorti, tahtar lill-attur bhala Chief Technical Officer bil-beneficcji kollha fuq imsemmija;

3. fin-nuqqas li jigu akkolti l-ewwel zewg talbiet, tiddikjara li stante li ma gewx osservati mis-socjeta' konvenuta il-formalitajiet tal-Ftehim Kollettiv sudett, safejn jirrigwardja lill-attur, tali rizultat jigi dikjarat bhala null u minghajr ebda effett u jig ordnat lis-socjeta' konvenuta sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss minn din il-Qorti, l-attur jigi rezaminat mill-istess Bord ta' l-Appelli.

Bl-ispejjes u bis-socjeta' konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda ta' l-attur.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta presentata fil-5 ta' Mejju 1999 li permezz taghha eccepiet:-
1. illi l-pretensjonijiet u t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-proceduri ta' l-appell kienu regolari u f'kull kaz l-istess attur inghata l-marki kollha li kien intitolat ghalihom.
2. Illi d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli kienet finali u f'kull kaz din il-Qorti ma ghandhiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal gudizzju tal-istess Bord ta' l-Appelli.
3. Illi ghalhekk t-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-14 ta' Gunju 1999 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tas-26 ta' Novembru 1999 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat id-digriet taghha tat-30 ta’ Gunju, 2000 illi permezz tieghu giet nominata bhala assistant gudizzjarju Dr. Maria Dolores Gauci sabiex tisma u tigbor il-provi tas-socjeta’ konvenuta.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attur, in-nota ta’ sottomissjonijiet responsiva tas-socjeta’ konvenuta, in-nota ta’ sottomissjonijiet ulterjuri ta’ l-attur u n-nota ta’

sottomissjonijiet ghall-imsemmija nota ulterjuri presentata mis-socjeta' konvenuta.

Semghet ix-xhieda u ezaminat id-dokumenti kollha ppresentati mill-partijiet f'din il-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi l-fatti saljenti ta' din il-kawza huma illi l-attur huwa impjegat mas-socjeta' konvenuta u kien jokkupa l-grad ta' Technical Officer III. Fid-29 ta' Lulju, 1992, kienet harget sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-gradi ta' 'Senior Technical Officer' (STO), 'Higher Technical Officer' (HTO) u 'Chief Technical Officer' (CTO) bhala parti minn ezercizzju korrettorju u l-attur kien ipprezenta l-applikazzjoni tieghu. Meta thabbru r-rizultati, l-attur irrizulta li gab 83 punt u kien klassifikat fil-hdax-il post pari meritu ma zewg impjegati ohrajn. Il-Bord tal-Ghazla kellu jimxi fuq erba' kriterji fir-rigward tal-ghazla tal-applikanti – 'Service', fejn l-attur inghata l-massimu ta' 20 punt allokati, 'experience', fejn l-attur inghata 14 mill-massimu ta' 15-il punt allokati, 'qualifications', illi ghalihom l-attur inghata 27 punt mill-massimu ta' 30 punt allokati, u 'performance' fejn l-attur inghata 22 punt mill-massimu ta' 35 punt allokati.

Illi permezz ta' cirkolari datata t-3 ta' Mejju, 1994 l-applikanti li ma qablux mad-decizjoni tal-Bord tal-Ghazla inghataw id-dritt li jappellaw lill-Bord tal-Appelli u dana fit-termini ta' l-artikolu 15 tal-Ftehim Kollettiv. L-attur ipprevalixxa ruhu minn dan id-dritt u kien interpona appell quddiem il-Bord tal-Appelli (Promozzjonijiet). Kienu twaqqfu zewg Bordijiet tal-Appell, presjeduti rispettivament mill-Avukati Dottor Edgar Mizzi u Dottor Riccardo Farrugia.

Illi fil-kaz tal-attur, il-Bord tal-Appell iddecieda illi, ghal dak li kien jirrigwarda l-kriterji ta' 'service' u 'experience' l-attur kien prattikament inghata l-massimu ta' punti allokati, u ghalhekk ma kien hemm lok ghall-ebda revizjoni (fil-fatt l-attur f'din il-kawza mhu qed javvanza l-ebda lamentela fir-

rigward ta' dawn iz-zewg kriterji), illi ghal dak li kien jirrigwarda l-'qualifications' il-punti li kienu nghataw lill-attur kienu korretti filwaqt illi ghal dak li jirrigwarda 'performance' il-Bord tal-Appell deherlu illi ma kienx gust illi l-attur jinghata marka illi kienet inqas mill-medja tal-marki tal-applikanti kollha, u cioe 24.4, u ghalhekk zied il-marki tal-attur ghal dak li jirrigwarda 'performance' b'zewg punti ghal '24'. B'hekk il-marka globali tal-attur zdiedet minn '83' ghal '85'.

Illi l-attur hass ruhu aggravat b'din id-decizjoni u kien ressaq il-kaz tieghu quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji illi pero' kienet informatu li, peress illi seba' impjegati ohra tas-socjeta' konvenuta kienu pprezentaw kawza kostituzzjonali fuq allegata diskriminazzjoni, il-Kummissjoni kienet qed tastjeni milli tieghu konjizzjoni tal-kaz tieghu b'dana illi rrakkomandat illi l-ezitu tal-kawza kostituzzjonali li kienet giet intavolata kellha tapplika fir-rigward ta' l-attur daqs li kieku huwa kien parti fl-imsemmija kawza.

Illi sussegwentement, b'sentenza fl-ismijiet 'Michael Calleja et vs Telemalta Corporation (Citaz. Nru 2207/95 AJM) moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Lulju, 1997 kien gie deciz illi kellu jerga jitwaqqaf Bord tal-Appelli sabiex jisma' l-appelli dwar il-promozzjonijiet li nghataw fl-1993, u dan ghaliex effettivament il-Qorti kienet sabet illi kienet irrizultat diskriminazzjoni fl-ghazla tal-persuni illi kellhom jinghataw promozzjoni u dan bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-atturi f'dik il-kawza.

Illi b'konsegwenza s-socjeta' konvenuta implimentat din is-sentenza tal-Qorti u fit-12 ta' Dicembru, 1997 twaqqaf Bord tal-Appelli gdid kompost minn Dr. (illum l-Onor Imhallef) Philip Sciberras LL.D, bhala Chairman u Lawrence Lautier u Joe Sammut bhala membri biex jisma' u jikkonsidra appelli mill-applikanti ghall-vaganzi fil-gradi ta' STO, HTO u CTO. L-attur ressaq l-appell tieghu quddiem dan il-Bord tal-Appelli l-gdid, u permezz ta' ittra datata t-22 ta' Mejju, 1998 mibghuta lilu mic-Chairman tas-socjeta' konvenuta, l-attur gie mgharraf illi b'effett mill-

5 ta’ Gunju, 1987 huwa kien gie mahtur bhala HTO (Skala 6).

Illi l-attur jilmenta pero’ illi effettivament huwa kellu jinghata l-hatra ta’ ‘CTO’ u mhux ta’ ‘HTO’ kif effettivament inghata. Jirrizulta mill-fatti illi l-hatra ta’ ‘CTO’ inghatat lil dawk l-applikanti illi gabu minimu ta’ 91 punt, filwaqt li l-attur, wara d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli l-gdid, gab marka globali ta’ 89 punt peress illi l-marka tieghu ghall-‘performance’ giet inkrimentata mill-Bord tal-Appelli l-gdid minn ‘22’ punt (li kien inghata mill-Bord tal-Ghazla) ghal ‘28’ punt. Konsegwentement, il-pern tal-kwistjoni kollha hija illi kieku l-attur inghata zewg marki ohra, biex b’hekk kien jottjeni l-puntegg ta’ 91 marka, huwa kien jinghata l-hatra ta’ CTO minflok dik ta’ HTO illi huwa effettivament inghata, u dan kif konfermat minn David Buttigieg, rappresentant tas-socjeta’ konvenuta, fis-seduta tal-21 ta’ Novembru, 2000 mizmuma quddiem l-Assistant Gudizzjarju Dr. Maria Dolores Gauci LL.D.

Illi l-attur hass ruhu aggravat mid-decizjoni tal-Bord tal-Appelli l-gdid u ghalhekk istitwixxa dawn il-proceduri. Il-lamenteli tal-attur huma principalment erbgha, u cioe’:-

(1) illi huwa ma nghatax l-opportunita’ illi jressaq xhieda u jipproduci evidenza quddiem il-Bord tal-Appelli l-gdid imwaqqaf in segwitu ghas-sentenza tal-Qorti;

(2) illi, anke b’konsegwenza ta’ dan, ghal dak li jirrigwarda l-kwalifiki, ma kienetx saret komputazzjoni korretta mill-Bord tal-Appelli stante illi skond l-istess attur huwa kellu jinghata l-puntegg massimu ta’ ‘30’ punt;

(3) illi ghal dak li jirrigwarda ‘performance’, huwa nghata l-istess puntegg illi kien inghata impjegat iehor illi kien ferm inqas kompetenti, efficjenti u abbli minnu; u

(4) illi fil-proceduri quddiem il-Bord tal-Appelli l-gdid ma kinux gew osservati l-formalitajiet rikjesti mill-Ftehim Kollettiv u b’hekk tali proceduri kienu nulli u bla effett.

Illi l-Qorti tosserva illi mill-provi prodotti mill-attur u mill-impostazzjoni tal-argumentazzjonijiet imressqa mill-istess attur, jirrizulta illi l-ilment ewlieni tal-attur jirrigwarda l-puntegg lilu allokat ghall-kwalifiki.

Illi l-kwalifiki tal-attur jistghu jinqasmu taht tlett kategoriji differenti u cioe': (i) 'O' levels; (ii) 'City and Guilds'; u (iii) ohrajn. Jekk wiehed jara l-interpretazzjoni moghtija miz-zewg partijiet tal-punteggi li kellhom jinghataw lill-attur, wiehed isib illi ghal dak li jirrigwarda l-'O' levels u c-certifikati l-ohra, hemm qbil bejn il-partijiet, ghaliex iz-zewg partijiet jallokaw sitt (6) punti ghall-'O' levels u zewg (2) punti ghall-kwalifiki l-ohrajn. Dan kif jirrizulta mill-affidavit ulterjuri tal-attur a fol 90 – 91 tal-process u mill-affidavit ta' David Buttigieg, rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, a fol. 242 sa 244 tal-process. Id-divergenza fl-interpretazzjoni tal-kriterji illi kellhom jigu segwiti u kif tali kriterji kellhom jigu applikati tirrizulta fir-rigward tal-marki allokati ghac-certifikati tas-'City & Guilds'. F'dan ir-rigward, id-divergenza hija wahda spikkata, u filwaqt li l-attur jikkontendi illi huwa kellu jinghata puntegg ta' 24.5, biex b'hekk il-marka totali tieghu kellha tkun ta' 31.5 (riducibbli ghal 30 punt li kien il-massimu allokat ghall-kwalifiki), is-socjeta' konvenuta tirritjeni illi l-marki li kellu jinghata l-attur kienu dsatax (19), biex b'hekk il-marka globali tal-attur ghall-kwalifiki kollha kellha tkun ta' 26 punt. Wiehed jinnota ghalhekk illi z-zewg partijiet ma qablux mal-puntegg ta' 27 marka moghti lill-attur mill-Bord tal-Ghazla, liema puntegg kien gie konfermat kemm mill-ewwel Bord tal-Appell presjedut mill-Avukat Dottor Riccardo Farrugia u kif ukoll mit-tieni Bord tal-Appell presjedut mill-Avukat (illum l-Onor Imhallef) Philip Sciberras illi kkonsidraw l-appelli interposti mill-attur.

Illi l-kwalifiki tal-attur ghal dawk li huma 'City & Guilds' u certifikati teknici ekwivalenti huma s-segwenti:-
Parti 1 Grouped Certificate with Telegraphy and Telephony 'A' as special subject (intermediate level);
Part 2 Grouped Certificate with Telephony 'C' as special subject (final level);
Part 3 Certificate in Telecommunications and Electronics (full tech level);
Line Plant Practice 'A'
Radio and Line Transmission 'A'.

Illi l-kwezit fundamentali huwa dwar il-kriterji illi kellhom jintuzaw fil-komputazzjoni tal-marki fir-rigward tal-kwalifiki.

F’dan ir-rigward, jigi rilevat illi s-socjeta’ konvenuta nnifisha, tramite x-xhieda tar-rappresentant taghha David Buttigieg, moghtija in kontro-ezami fis-seduta tat-3 ta’ Lulju, 2001 (a fol 293 tal-process), issostni illi l-kriterji addottati mill-Bord tal-Appll huma dawk kif jidhru fir-rapport tal-Bord tal-Ghazla tat-18 t’Ottubru, 1993 u dawk kif stipulati fil-‘Criteria used for the Reassessment of Appeals’ (ezebiti a fol 68 sa 72 tal-process).

Illi r-rapport tal-Bord tal-Ghazla, kompost minn A. Debono, A. Muscat u M. Cachia, tat-18 t’Ottubru, 1993 jipprovdi illi, ghal dak li jirrigwarda “Qualifications”, “marks were to be awarded in accordance with the criteria set by the Appeals Bord. However, marks were to be doubled up to a maximum of 30 marks (City & Guilds Full Technology Certificate were considered related in all instances)”. Dawn il-‘criteria’, kif stipulati fid-dokumenti fuq imsemmi ‘Criteria used for the Reassessment of Appeals’, kienu illi “related City & Guilds Certificates have been awarded 4 marks for Part 1, 5 marks for Part 2, 6 marks for Part 3 and 15 marks for Full Tech Certificates”.

Illi hawnhekk ghandha ssir referenza wkoll ghall-fatt illi fir-rapport tieghu tat-18 ta’ Mejju, 1993, il-Bord tal-Ghazla jtenni illi kienu nzammu tliet laqghat preliminari “to discuss the line of action that should be taken in accordance with the Board of Directors resolutions dated 14th July, 1992 wherein the Board established the criteria for the allotment of points to be given”. Mill-minuti ta’ din il-laqgha tal-14 ta’ Lulju, 1992 u mir-rizoluzzjoni illi ttiehdet, li kopja taghhom gew ezebiti fil-process, irrizulta illi inizjalment l-allokazzjoni tal-marki kellu jkun differenti minn dak illi finalment gie addottat, u cioe’ kien previst illi jinghataw 20 punt ghas-servizz, 20 punt ghall-esperjenza, 15-il punt ghall-kwalifiki u 45 punt ghall-performance. Sussegwentement, f’din il-laqgha l-membru tal-Bord, J. Bartolo, irrimarka illi kien ikun iktar gust jekk jonqsu l-marki ghall-‘performance’ u ghall-esperjenza filwaqt illi l-marki ghall-kwalifiki jizdiedu minn 15 ghal 30, u fil-fatt din ir-rakkomandazzjoni giet addottata b’rizoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi tas-socjeta’ konvenuta.

Illi ghaldaqstant l-allokament ta’ marki ghall-kwalifiki gie rduppjat minn 15 ghal 30 punt, izda l-kriterji baqghu dawk kif stabbiliti fil-‘Criteria – Assessment of TO 3’s’ formanti parti mill-Memo tal-Bord datata t-22 ta’ Mejju, 1992, liema kriterji huma identici ghal dawk indikati fil-‘Criteria used for the Reassessment of Appeals’ (a fol 67 sa 72 tal-process), bid-differenza illi “marks were to be doubled up to a maximum of 30 points”, u dan per konsegwenza diretta tal-fatt illi, kif fuq espost, l-allokazzjoni tal-marki ghall-kwalifiki kienet giet irdoppjata minn 15 ghal 30 punt.

Illi jirrizulta mill-provi prodotti li l-attur ghandu c-certifikat tas-‘City & Guilds’ fit-‘Telephony and Telegraphy’ (illi huwa meqjus bhala suggett relatat, u dan huwa pacifiku anke bejn il-partijiet) sal-Part 3 tieghu, u cioe’ gab il-Part 1, il-Part 2 u l-Part 3 pero’ ma gabx il-‘Full Tech Certificate’.

Illi fil-komputazzjoni li ghamel l-attur tal-marki illi skond hu suppost illi gew lilu assenjati, huwa jalloka marki ghal kull parti mis-‘City & Guilds Certificate’ illi huwa ghandu fit-‘Telephony and Telegraphy’ u cioe alloka 4 punti ghal Part 1, 5 punti ghal Part 2 u 6 punti ghal Part 3.

Illi f’dan ir-rigward m’hemmx qbil min-nahha tas-socjeta’ konvenuta, u dan kif jirrizulta kemm mid-domandi li saru lill-attur in kontro ezami fis-seduta tat-30 ta’ Gunju, 2000 (a fol 95 sa 110 tal-process) u kif ukoll mill-affidavit ta’ David Buttigieg, rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta a fol 242 sa 244 tal-process.

Illi oltre dan, fil-komputazzjoni tal-attur, dejjem kif elenkat fl-affidavit tieghu a fol 90 tal-process, huwa jalloka 7.5 marki, u cioe l-marki allokati ghal min ghandu ‘Full Tech City & Guilds Certificate’ ghac-certifikat illi huwa ghandu fit-‘Telecommunications and Electronics’. Dwar dan ukoll m’hemmx qbil da parti tas-socjeta’ konvenuta illi ssostni illi l-marki ghac-certifikati tas-‘City & Guilds’ kif imqassma mill-Bord tal-Ghazla kienu kumulattivi u cioe’ l-kandidat jinghata marki biss ghall-oghla parti tac-certifikat tas-‘City & Guilds’ illi huwa ghandu.

Illi s-socjeta’ konvenuta targumenta illi kienu biss dawk l-applikanti illi ghandhom il-‘Full Tech City & Guilds Certificate’ illi kienu eligibbli biex jinghataw il-‘full marks’ ghall-kwalifiki, u cioe’ 30 punt. Din il-Qorti ma tistax taqbel ma’ din il-linja ta’ argumentazzjoni ghaliex, kieku wiehed kellu jiehu ezempju ta’ applikant illi m’ghandux tali certifikat izda ghandu patafjun ta’ ‘O’ levels, ‘A’ levels u certifikati ohra, u jigu allokati l-marki ghal tali kwalifiki skond kriterji stabbiliti, xorta wahda tali applikant seta’ jottjeni l-marka massima ta’ 30 punt. Ghaldaqstant tali argument ventilat mis-socjeta’ konvenuta certament illi ma jreggix u ma jsib riskontru imkien fil-kriterji prestabbiliti fuq indikati illi fuqhom kellha tigi msesja l-marka finali ta’ kull kandidat. Oltre dan jirrizulta mis-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-gradi ta’ CTO, STO u HTO illi ma ntalbet ebda kwalifika akkademika jew teknika partikolari biex wiehed ikun jista’ japplika ghal dawn il-postijiet, u dan ikompli jsahhah l-argument illi mhux mehtieg illi wiehed ikollu l-‘Full Tech City & Guilds Certificate’ sabiex ikun eligibbli ghall-puntegg massimu ta’ 30 punt ghall-kwalifiki, kif issostni s-socjeta’ konvenuta.

Illi ghandu jigi rimarkat ukoll, anke ghall-finijiet ta’ kompletezza, illi s-socjeta’ konvenuta inizjalment argumentat illi c-certifikat ta’ ‘Line Plant Practice A’ u ‘Radio and Line Transmission A’ kienu parti integrali mic-certifikat tas-‘City & Guilds’ u ghalhekk l-attur ma setghax jalloka marki ‘ad hoc’ ghalihom, pero’ sussegwentement is-socjeta’ konvenuta kienet ivverbalizzat qbil fis-seduta mizmuma fil-21 ta’ Novembru. 2000 quddiem l-Assistant Gudizzjarju Dr. Maria Dolores Gauci LL.D. (fol. 211 tal-process), fis-sens illi l-attur kellu jinghata l-marki ghal dawn il-kwalifiki partikolari.

Illi z-zewg partijiet juzaw zewg metodi differenti fil-komputazzjoni tal-puntegg illi l-attur kellu jinghata ghall-kwalifiki. Minn naha tieghu, l-attur jalloka marki ghal kull parti mis-‘City & Guilds Certificate’ illi huwa ghandu fit-‘Telephony and Telegraphy’ u cioe alloka 4 punti ghal Part 1, 5 punti ghal Part 2 u 6 punti ghal Part 3. Barra minn hekk fir-rigward tac-certifikat tas-‘City & Guilds’ fit-‘Telecommunications and Electronics’, filwaqt illi spjega illi

“il-full tech jinkludi zewg parts li jikkonsisti f’zewg part three”, li minnhom l-attur kellu wiehed (a fol 205 tal-process), huwa ghalhekk alloka 7.5 marki ghal dan ic-certifikat, u cioe’ in-nofs tal-marki destinati skond il-fuq imsemmija kriterji ghall-kandidati li jkollhom il-‘full tech certificate’.

Illi minn naha taghha s-socjeta’ konvenuta ssostni illi l-marki ghac-certifikati tas-‘City & Guilds’ kif imqassma mil-Bord tal-Ghazla kienu kumulattivi u cioe il-kandidat jinghata marki biss ghall-ghola parti tac-certifikat tas-‘City & Guilds’ illi huwa ghandu, u mhux il-marki ghal kull parti.

Illi din il-Qorti tirrileva illi dan l-argument jaghmel sens ghaliex kieku wiehed kellu jadopera l-kriterju adottat mill-attur, u cioe’ li jalloka 4 punti ghal Part 1, 5 punti ghal Part 2 u 6 punti ghal Part 3 – total ta’ 15 il-punt – ikun ifisser li dak il-kandidat li jkollu sa Part 3 mic-certifikat tas-‘City & Guilds’ jispicca jiehu 15-il marka daqs dak il-kandidat illi effettivament ikun gab il-‘full technology City & Guilds certificate’. Certament illi tali applikazzjoni tal-kriterji stabbiliti ma taghmel ebda sens u zgur illi l-Qorti ma tistax taddotta applikazzjoni tal-kriterji illi tkun manifestament illogika.

Illi divergenza ohra dwar il-partijiet tirrigwarda l-puntegg illi kellu jigi allokat l-attur ghall-parti mill-‘full technology certificate’ illi huwa kellu. L-attur jispjega, u dwar dan ma jidher li hemm ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet, illi l-‘full technology certificate’ huwa maqsum f’zewg partijiet, illi minnhom huwa kellu parti biss, u ghalhekk alloka ghalih innifsu 7.5 punti, u cioe’ n-nofs tal-15-il punt allokati ghall-‘full tech certificate’. Min-naha taghha, s-socjeta’ attrici, tramite x-xhieda tar-rapprezentant taghha David Buttigieg (ara xhieda tieghu moghtija in kontro-ezami fis-seduta tat-3 ta’ Lulju, 2001), issostni illi l-marki illi kellhom jigu allokati kienu 3, u cioe’ 1.5 punti ekwivalenti ghall-marki ta’ ‘Advanced Level Certificate’ irduppjati. Ix-xhud David Buttigieg itenni illi “din ma tohrog minn imkien pero’ l-Bord tal-Ghazla kien iddecida li jekk ma jkollox il-‘full tech’, ikollok parti, tigi kkunsidrata bhala ‘A’ level relatat. Il-Bord ma iddettaha mkien. Jiena hdimthom personali u jiena

hdimthom bhala assistant tal-Bord tal-Ghazla. Ma jezistu ebda minuti rigward dan il-punt. Hdimthom jien u fuq istruzzjonijiet. Pero’ dawn l-istruzzjonijiet ma humiex bil-miktub.”

Illi jirrizulta wkoll, ‘ex admissis’, illi anke d-decizjoni illi jigu rduppjati biss il-punti ghall-kwalifiki teknici, bhal ma huma dawk tas-‘City & Guilds’, u mhux tal-kwalifiki kollha, inkluz dawk akkademici, wkoll ma tirrizulta minn ebda dokument. Din il-Qorti tistqarr minghajr ebda tlaqliq illi thoss ruhha ferm turbata minn sitwazzjoni bhal din, u dan ghaliex it-trasparenza titlob illi l-allokazzjoni tal-marki ssir fuq kriterji prestabbiliti bil-miktub u dan sabiex min effettivament ikun inkarigat biex jahdem ossia jassessja l-marki jkun ‘accountable’ u r-rizultat finali jkun jista’ jigi assoggettat ghal skrutinju a bazi ta’ kriterji cari, oggettivi u bil-miktub illi dwarhom ma jkun hemm u ma jista’ jkun hemm ebda ombra ta’ dubju. Mhux hekk gara pero’ f’dan il-kaz. Fl-assessjar tal-marki ghall-kwalifiki intuzaw tal-inqas zewg parametri jew kriterji illi ma jirizultawx mid-decizjoni la tal-Bord tad-Diretturi tas-socjeta’ konvenuta kif kristallizzata fir-rizoluzzjoni tal-14 ta’ Lulju, 1992 u lanqas mill-kriterji li fuqhom kellu jimxi l-Bord tal-Appelli – ‘Criteria used for the Reassessment of Appeals’ (a fol 67 sa 72 tal-process). Dawn kienu l-puntegg allokat ghall-parti wahda tal-‘full tech certificate’ tas-‘City & Guilds’, u, izjed importanti, ghall-mod kif giet imhaddma u applikata d-decizjoni tal-Bord tal-Ghazla kif kristallizzata fir-rapport tat-18 ta’ Mejju, 1993 sabiex il-marki jigu rduppjati halli dan l-ezercizzju jkun jirrifletti l-fatt illi l-puntegg allokat ghall-kwalifiki zdied minn 15 ghal 30 marka.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma illi l-assessjar tal-marki ma sarx kif suppost u skond il-kriterji prestabbiliti, u min effettivament ghamel tali assessjar, huwa personalment jew min tah l-istruzzjonijiet kif ghandu jimxi, ma kellu ebda jedd jew setgha illi jiddiskrimina bejn dawk il-kwalifiki li l-marki allokati ghalihom kellhom jigu rduppjati u dawk illi le. Ir-rapport tal-Bord tal-Ghazla tat-18 ta’ Mejju, 1993 ma jiddistingwix bejn kwalifiki u ohra, jew bejn kwalifici akkademici u dawk teknici, izda jghid semplicement illi “marks were to be doubled up to a maximum of 30

marks", u dan bhala konsegwenza logika tal-fatt illi bid-decizjoni tal-Bord tad-Diretturi tal-14 ta' Lulju, 1992 il-puntegg ghall-kwalifiki kien gie rduppjat. Kieku wiehed kellu jaccetta d-decizjoni unilaterali li ttiehdet biex jigu rdupjati biss il-marki ghall-kwalifici teknici, kienet tirrizulta sitwazzjoni ta' diskriminazzjoni serja ghal dawk il-kandidati illi jkollhom ferm izjed kwalifici akkademici milli teknici.

Illi l-Qorti ghalhekk terga' ttenni l-principju bazilari illi diga gie soffermat izjed qabel f'dan il-gudizzju illi l-Qorti ma tistax tapplika l-kriterji stabbiliti, anke jekk tali ma jkunux gew spjegati bl-izjed mod car u dettaljat, b'mod illi jkun manifestament illogiku jew b'mod illi jmur kontra r-razzjonal illi fuqhom tali kriterji huma msejsa. Fi kliem iehor, il-kriterji tal-allokazzjoni tal-marki illi wiehed isib kemm fil-Board Memo tat-22 ta' Mejju, 1992 u kif ukoll fil-'Criteria used for the Reassessment of Appeals', u cioe', fost ohrajn, illi ghal 'O' levels relatati jinghata punt filwaqt illi ghal dawk mhux relatati jinghata nofs punt, gew stabbiliti fil-mument illi l-puntegg allokat ghall-kwalifiki kien ta' 15-il marka. Dan ifisser illi f'dak il-mument kien ritenut bhala gust u xieraq illi ad ezempju kandidat illi jkollu hames certifikati ta' 'O' levels relatati jinghata hames (5) marki ghal dawk il-kwalifiki. Ghaldaqstant, il-logika tiddetta, ili darba li l-puntegg allokat ghall-kwalifiki gie rduppjat minn 15 ghal 30 marki, huwa gust u xieraq illi l-istess kandidat jinghata ghaxar 10) marki ghal dawn il-hames (5) 'O' levels u mhux jibqa' bl-istess hames (5) marki li kien ikollu kieku l-puntegg allokat ghall-kwalifiki baqa' ta' 15-il marka.

Illi mill-provi prodotti u fuq kollox mix-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, David Buttigieg, fuq riprodotta, u senjatament mid-dikjarazzjoni tieghu illi huwa kien qed isegwi struzzjonijiet illi pero' ma jirrizultaw minn ebda minuti, u li dawn iz-zewg kriterji fuq spjegati minnu adoperati fl-assessar tal-punteggi tal-kandidati ma jirrizultaw minn ebda dokument, maghduda mal-fatt illi l-istess xhud jistqarr illi huwa qatt ma deher quddiem il-Bord tal-Appell sabiex jispjega kif wasal ghal tali assessar (tant illi huwa stess fil-komputazzjoni tieghu jasal ghall-puntegg differenti minn dak effettivament moghti lill-attur

mill-Bord tal-Appell), iwassal lil din il-Qorti ghall-konvinciment morali illi l-Bord tal-Appell imwaqqaf in adempjenza mas-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "Michael Calleja et vs Telemalata Corporation" deciza fil-15 ta' Lulju, 1997 ma dahalx f'dawn il-kwistjonijiet rigwardanti l-kriterji adoperati ghall-komputazzjoni tal-marki allokati ghall-kwalifiki, kwistjoni illi tirrizulta illi hija wahda ta' importanza fundamentali ghad-determinazzjoni ta' din il-kawza, anke ghaliex wiehed ma jsib ebda accenn ghal dawn il-kriterji fir-rapport tal-imsemmi Bord tal-Appell, u dana minkejja illi fir-rapport tieghu l-imsemmi Bord tal-Appell kappeggjat mill-Avukat (illum Onor Imhallef) Philip Sciberras itenni illi "lill-Bord tal-Appelli irrizultalu illi s-Selection Board mhux fil-kazijiet kollha ta kont akkurat tal-meriti u kwalifikazzjonijiet tal-appellanti", dikjarazzjoni illi taghti indikazzjonijiet illi, ghall-kuntrarju, l-imsemmi Bord tal-Appelli irnexxielu jaghmel proprju dan.

Illi ghaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma illi l-mod korrett kif kellhom jigu applikati l-kriterji ghall-allokazzjoni tal-marki ghall-kwalifiki, ghar-ragunijiet kollha spjegati fid-dettal izjed 'l fuq f'din is-sentenza, kienu illi l-marki kollha li kellhom jinghataw lil kull kandidat skond il-kriterji stabbiliti fil-'Criteria – Assessment of TO 3's' (a fol 271 tal-process), liema kriterji huma identici ghal dawk stabbilti fil-'Criteria used for the Reassessment of Appeals' (a fol 67 sa 72 tal-process) kellhom jigu rduppjati, u dan minghajr ma ssir ebda differenzjazzjoni, kif fil-fatt saret, bejn il-kwalifiki teknici u l-ohrajn. Applikat dan il-principju ghall-kaz odjern, anke kieku wiehed kellu, ghall-grazzja tal-argument, jinjora kompletament il-parti tal-'full technology certificate' ottenut mill-attur fil-qasam tat-'Telecommunications & Electronics' (li ghalih l-attur jippretendi 7.5 marki u s-socjeta' konvenuta ttenni li jimmerita 1.5 marki daqs certifikat tal-'A' level), u anke kieku wiehed kellu jirritjeni, kif hija l-fehma ta' din il-Qorti illi huwa gust u xieraq illi wiehed jirritjeni, illi l-marki ghad-diversi partijiet tac-certifikat tas-'City & Guilds' huma kumulattivi, u allura l-marki li jispettaw lill-attur huma sitta (6), meta dawn jigu maghduda mas-sitt (6) marki li jispettaw lill-attur ghall-'O' levels, iz-zewg marki li jispettaw

lill-attur għac-ċertifikati ta' 'Line Practice 'A'' u 'Radio u Line Transmission 'A'', dawn jammontaw għall-punteġġ globali ta' sittax-il (16) punt illi, meta jiġu rduppjati, jammontaw għal 32 punt, b'dana illi għaldaqstant l-attur kellu jingħata l-punteġġ massimu ta' tletin (30) marka għall-kwalifiki. Dan ifisser allura illi l-marka globali tal-attur kellha tkun ta' 92 punt u mhux ta' 89 punt kif deċiż mill-Bord tal-Appell u għaldaqstant l-attur kellu jingħata l-ħatra ta' 'Chief Technical Officer' u mhux ta' 'Higher Technical Officer' kif fil-fatt ingħata mill-Bord tal-Appell.

Illi, anke għall-finijiet tal-kompletezza, din il-Qorti issa sejra biex tgħaddi sabiex teżamina l-lamenteli l-oħra ventilati mill-attur f'din il-kawża. L-attur jilmenta illi l-Bord tal-Appell assenjalu għall-'performance' marka ta' 28 punt, ugwali għal dik assenjata għall-impjegat ieħor illi kien jaħdem miegħu u tal-istess 'rank' tiegħu illi pero' hu kien ferm iżjed bieżel, abbli u kompetenti minnu. In sostenn ta' din it-teżi l-attur, oltre għax-xhieda tiegħu stess, ipproduċa wkoll ix-xhieda ta' żewġ (2) superjuri tiegħu, l-Inġinier Salvino Gatt u l-Inġinier Andrew Ghigo, illi t-tnejn jikkonfermaw fl-affidavits minnhom ippreżentati illi l-attur u impjegat ieħor kienu ingħataw l-istess taħriġ fuq il-manutenzjoni u t-tmexxija tal-'exchanges' ġodda pero' l-attur kien ferm iżjed kompetenti u effiċjenti minn sieħbu l-ieħor tant illi kien jispiċċa jagħmel anke x-xogħol illi kien jaqa' taħt ir-responsabbilita' ta' l-ieħor.

Illi filwaqt li din il-Qorti ma ssib ebda raġuni għaliex għandha tiddubita mix-xhieda ta' 'awn iż-żewġ persuni, tosserva, pero', illi fl-ebda mument, la fix-xhieda ta' l-attur u lanqas tal-imsemmija żewġ inġiniera, ma ġie indikat min hu dan l-impjegat l-ieħor sabiex b'hekk seta' jsir eżerċizzju komparattiv bejn il-marki li ġie assenjat għall-'performance' dan l-impjegat l-ieħor u dawk li ġew assenjati lill-attur. Għaldaqstant dan l-ilment ta' l-attur ma jirriżultax ippruvat.

Illi l-attur jilmenta wkoll illi huwa ma ngħatax smiegħ xieraq fit-trattazzjoni tal-appell u ġie preklużż milli jressaq 'il quddiem xhieda u dokumenti sabiex jissostanzja l-każ tiegħu. L-attur itenni li l-Bord tal-Appell taħ x'jifhem illi tant

kien car illi l-appell tieghu kien wiehed gustifikat illi ma kienx hemm htiega ta’ ebda provi. F’dan ir-rigward ix-xhieda tal-attur hija korroborata wkoll minn dik ta’ Lino Debono, dak iz-zmien Segretarju tat-Taqsima Parastatali tal-General Workers Union, illi assista lill-attur fil-proceduri ta’ l-appell. Il-Qorti tosserva illi r-rapport tal-Bord tal-Appell fir-rigward tal-appell tal-attur ma giex prodott in evidenza, u proprju lamentela ohra tal-attur hija dik illi huwa ma nghatax ir-rapport tal-appell tieghu u dan bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ftehim Kollettiv li jirregola l-impieg tieghu mas-socjeta’ konvenuta. Jigi rimarkat illi minn naha taghha s-socjeta’ konvenuta ma ressqet ebda xhieda biex jikkontrobattu dawn l-allegazzjonijiet tal-attur, u filwaqt li kellha kull opportunita’ li tressaq bhala xhieda anke lill-membri tal-Bord tal-Appell naqset milli taghmel dan. Il-Qorti tosserva wkoll illi l-fatt illi l-Bord tal-Appell zied il-marka tal-attur ghall-‘performance’ minn 22 ghal 28 punt tissufragja t-tezi tal-attur illi huwa possibbli illi l-Bord tal-Appell ta x’jifhem lill-attur li ma kienx hemm htiega ta’ xhieda u provi peress illi kien evidenti li l-appell tieghu kien wiehed gustifikat. Di fatti, ghal dak li jirrigwarda ‘performance’, il-Bord tal-Appell jidher car li rrizultalu li l-appell ta’ l-attur kien wiehed gustifikat kif rifless miz-zieda ta’ sitt (6) punti. Ghal dak li jirrigwarda kwalifiki, il-Qorti terga’ taghmel riferenza ghal dak li gie rapportat izjed ‘il fuq fis-sentenza odjerna.

Finalment l-attur jilmenta illi l-proceduri quddiem il-Bord tal-Appell, f’diversi aspeti, saru u tmexxew bi ksur tal-Ftehim Kollettiv. Fost dawn hemm il-fatt illi l-Bord tal-Appell baqa’ ma baghatx kopja tar-rapport tieghu lill-attur appellant kif jistipula fl-artikolu 3.1 tal-Ftehim Kollettiv. Il-Qorti tosserva pero’ illi, minkejja l-volum enormi ta’ dokumenti illi gew ezibiti miz-zewg nahat, li whud minnhom anke gew ipprezentati f’izjed minn okkazzjoni wahda, madanakollu hadd mill-partijiet, u senjatament lanqas l-attur illi kellu kull interess li jaghmel dan, ma qatt ezebixxa dan il-Ftheim Kollettiv u ghaldaqstant il-Qorti ma tiestax tiehu konsiderazzjoni ta’ din il-kwistjoni meta t-test innifsu ma jinsabx fl-atti processwali – ‘*quod non est in actis, non est in mundis’.*

Finalment din il-Qorti sejra tghaddi biex tikkunsidra t-tieni eccezzjoni sollevata mis-socjeta’ konvenuta, u cioe’ illi d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli kienet wahda finali u f’kull kaz il-Qorti m’ghandhiex tissostiwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal-gudizzju tal-imsemmi Bord. F’kelma wahda s-socjeta’ konvenuta eccepiet l-insindakabilita’ tad-decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appelli minn din il-Qorti. Fl-ewwel lok jigi osservat illi s-socjeta’ konvenuta bl-ebda mod ma indikat fuq liema povvediment tal-ligi kienet qed issejjes din l-eccezzjoni taghha, ma gabet ebda provi li jissostanzjaw din l-eccezzjoni u lanqas fiz-zewg noti ta’ sottomissjonijiet minnha pprezentati ma ghamlet ebda accenn jew tat ebda forza lil din l-eccezzjoni. Ghaldaqstant din il-Qorti tista’ tieqaf hawn u tichad din l-eccezzjoni minghajr ma taghti ebda konsiderazzjoni ulterjuri ghal din il-materja.

Illi din il-Qorti pero’ ma tistax ma tirrimarkax f’dan ir-rigward illi l-qrati nostrani jivvantaw tradizzjoni twila u ininterrotta illi, fid-difiva ta’ dak kollu li huwa ta’ valur f’socjeta’ civili u demokratika, jirrizervaw ghalihom il-poter u l-fakolta’ illi jissindakaw u jiccensuraw l-ghemil aministrattiv kull meta jidher car illi tali ghemil amministrattiv iwassal ghall-ingustizzja kontra l-privat jew ikun ir-rizultat ta’ ghemil skorrett jew mhux konformi mal-ligi jew addirittura ta’ abbuz ta’ poter. F’dan ir-rigward tista ssir referenza ghal sensiela ta’ gudizzju illi fihom gew enuncjati u riaffermati, fosthom, fi zmien imghoddi, “Abela vs Bonello” (deciza fis-7 ta’ Frar 1942 – Vol XXXI.ii.54) u Domnic Mintoff nomine vs Montanaro Gauci Antoine nomine (deciza fit-22 ta’ Mejju, 1973), u aktar ricentement, anke wara l-emendi maghmula bl-Att numru VIII tal-1981 illi kienu indirizzati biex irazznu din il-funzjoni tal-qrati taghna bhala tribunal revizorju tal-ghemil amministrattiv, is-sentenzi fl-ismijiet “Carmelo Magri vs Kummissarju tal-Pulizija” (deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 t’Ottubru, 1998), “Helen Borg vs Prim Ministru et (deciza fid-9 ta’ Frar, 2001) u “Kevin Falzon vs Kummissarju tal-Pulizija” (deciza fid-9 ta’ Frar 2001). Finalment, f’dan ir-rigward, din il-Qorti, filwaqt illi tichad it-tieni eccezzjoni sollevata mis-socjeta’ konvenuta, jidhrilha illi huwa gust u xieraq illi tirriproduci l-kliem enuncjat minn din l-istess Qorti kif diversament

presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet "Paul Mercieca nomine vs Kummissarju tat-Taxxi Interni", deciza fis-17 ta' Ottubru, 1986, fis-sens illi "il-funzjoni ta' revizjoni, li hija funzjoni ta' din il-Qorti, il-Qorti ghandha tkun geluza ghaliha, ghaliex hija taghha u taghha biss u ma tistax u m'ghandhiex tabdika ghaliha ghal xejn b'xejn, ghax tkun qieghda tabdika ghal dak li mhux taghha izda tac-cittadin in generali".

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta kif ukoll it-tielet talba attrici, billi fir-rigward ta' din it-talba u fir-rigward ta' l-ewwel parti ta' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta jigi rilevat li, kif gja inghad fuq, ma hemmx provi li jissostanzjaw la t-tezi ta' l-attur u lanqas dik tas-socjeta' konvenuta; fit-tieni lok tilqa' l-ewwel zewg talbiet attrici billi tiddikjara li l-attur kien haqqu li jinghata l-hatra ta' Chief Technical Officer mas-socjeta' konvenuta minflok dik ta' Higher Technical Officer, u konsegwentement tordna li l-attur kellu jokkupa din il-kariga ta' Chief Technical Officer mas-socjeta' konvenuta b'effett mill-5 ta' Gunju, 1987 bil beneficcji kollha li din il-hatra iggieb maghha.

Bl-ispejjes kollha kontra s-socjeta' konvenuta.

Onor Imhallef Albert J. Magri